MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 26/2013

**Partit Nazzjonalista et.**

**vs**

**Kummissjoni Elettorali et.**

**Il-Qorti,**

## I. <u>Premessi:</u>

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2015 fejn id-difensur tal-Kjamat fil-Kawza, il-Partit Laburista, wara li iddikjara li l-istess Partit Laburista kien dak in-nhar stess, intavola kawza quddiem il-Qorti Prim'Awla Civili

(Sede Kostituzzjonali) fejn qed jigi allegat li gie lez id-dritt ghas-smigh xieraq tal-Partit Laburista kif jirrizulta minn kopja tar-Rikors imsemmi, esebita f'dawn l-atti, talab li "*wara li din il-Qorti tipprocedi bi smigh huwa utili li tissoprassjedi u dan peress li l-kawza l-ohra tirrigwarda intrinsikament il-mertu tal-kawza li ghandha quddiema din l-Onorabbli Qorti tal-lum, u li l-konsegwenzi ta' dik il-kawza jincidu direttament fuq l-ezitu sostanzjali tal-kawza odjerna.*"

Fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2015, l-istess difensur, waqt it-trattazzjoni, ikkjarifika t-talba tieghu fis-sens li ghandha tiftiehem li s-soprasessjoni qed tintalab fl-istadju ta' dawn il-proceduri qabel ma din il-Qorti tipprocedi bis-smigh.

Illi din it-talba giet opposta mill-Partit Nazzjonalista filwaqt li l-Kummissjoni Elettorali kif ukoll l-Avukat Generali bazikament sostnew li din il-Qorti ghandha tissejjah it-tieni kawza sabiex tinstema' quddiema u z-zewg kawzi jimxu kontestwalment.

Illi t-talba ghas-soprasessjoni giet trattata estensivament mid-difensuri tal-partijiet f'din il-kawza u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghal Digriet fuq l-istess u " *jekk ikun il-kaz wkoll tippronunzja ruhha dwar il-konnessjoni ta' din il-kawza mat-tieni kawza Kostituzzjonali.*"

Rat l-atti tal-kawza u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

## II. <u>Ikkunsidrat:</u>

**Illi** l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijet li jippronunzjaw ruhhom dwar talba simili u huma konkordi li s-soprasessjoni huwa rimedju eccezzjonali peress li tiffrena kawza u izzommha milli tinqata' bi speditezza fi zmien ragjonevoli. (Ara sentenza fl-ismijiet **Dott.Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru**, **Q.K.** - deciza fl-20 ta' Lulju, 1994).

Tant hu hekk li l-Qrati taghna sostnew li s-sistema giuridika taghna kienet tikkontempla biss l-eccezzjoni tal-*lis alibi* pendens[1] u l-konnessjoni ta' azzjonijiet, u li s-soprasessjoni bhala istitut kienet giet introdotta biss permezz tal-**artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni** (u 4(3) tal-Kap 319) fil-kuntest ta' riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Hekk gie espress fil-kaz fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine *et.*** - **QK-**12 ta' Awwissu 1994 fejn il-Qorti issenjalat li s-soprasessjoni tista' tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u l-amministrazzjoni tal-gustizzja.[2]

Dan is-sentiment jinsab rifless ukoll fis-sentenza fl-ismijiet l**-On.Imh. Dottor Anton Depasquale v Onor. Prim Ministru**, **Q.K.** -deciza fl-20 ta' Lulju, 1994) fejn il-Qorti sabet li "*L-istat prezenti ghalhekk tal-ligi taghna hija li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fuq ikkwotat ghax l-accettazzjoni ta' dan il-principju jista' biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia' mghobbija b'diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom f'din is-sentenza*."

---

[1] Din l-eccezzjoni tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

[2] Il-Qorti fuq dan il-punt ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Francesco Spiteri v Giuseppe Sghendo et** - Qorti tal-Appell - dec. fid-9 ta' Mejju 1955 , **Kollezz.XXXIX I. 191).** Ara wkoll l-artikoli 195, 211 u 212 tal-Kap.12. kif ukoll l-art. 964 tal-Kap.12.

Madanakollu traccjata l-gurisprudenza f'dan ir-rigward insibu li provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Difatti l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti;(Kollez Vol XXXIX.I.467; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973) fejn tinqala' kwistjoni li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza; u ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta. **(**PA(NC) - **Gaffarena Joseph et vs Mixer Concrete Works Limited et.**[3]**)**

L-ezerċizzju tad-diskrezzjoni mitluba mill-ġudikant tiddependi miċ-ċirkostanzi **partikolari u speċjali ta' kull każ** (ara – Appell Ċivili **– Grech noe vs Buttigieg et noe** – 26 ta' Marzu 1984) u gie ritenut ukoll li qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun sejra tbaghti preġudizzju. (**Amber Properties Limited (C-28781) v Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884) et** - PA 25 ta' Marzu 2013).

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-konsiderazzjonijiet ta' speditezza japplikaw b'aktar importanza f'kazijiet ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali billi l-obbligu huwa partikolarment impost fuq din il-Qorti li hu mahsub li s-smigh quddiema "*ghandu jkun b'kull heffa possibbli "* (**subartikolu (7) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni**.) Din id-disposizzjoni hija riflessa fir-**Regolamenti tal-Qorti** promulgati bl-Avviz Legali 279 tal-2008.[4]

[3] Deciza fis-27 ta' Mejju 2005
[4] S.L. 12.09- Regolament numru 6 u 7 .

Kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Perit Joseph Barbara et v On. Prim Ministru et (**13 ta' Jannar 2015), "*il-Kostituzzjoni fl-Art. 46 qieghda tistabbilixxi gurisdizzjoni specjali sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali kontemplati fil-Kostituzzjoni u ghal finijiet ta' din il-gurisdizzjoni specjali qeghda tistabbilixxi procedura specjali u tikkonferixxi certi setghat sabiex il-Qorti tezercita dik il-gurisdizzjoni specjali – tant li fl-Art. 46(6) u l-Art. 95(4) qeghda tikkontempla setghat zejda li jigu moghtija b'Att tal-Parlament sabiex 'il-Qorti tkun tista' effettivament tezercita l-gurisdizzjoni moghtija lilha b'dan l-artikolu" .*

Minn dak ippronunzjat fis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fuq citati fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine** ***et,*** u **On.Imh. Dottor Anton Depasquale v Onor. Prim Ministru**, jsorgi l-hsieb li s-soprasessjoni mhix ikkontemplata fi proceduri ta' indoli kostituzzjonali ghajr ghal dak regolat bl-artikolu 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament. Dan hu konformi mal-principju ta' heffa li jippernja r-regoli procedurali f'dawn il-kawzi. Kawzi fejn persuna qed iggib il-quddiem ilment ta' lezjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali ma tistax tistenna. Dan huwa konsegwenza logika tal-konsiderazzjoni li kawza ta' allegat ksur ta' jeddijiet fondamentali m'ghandhiex tistenna l-ezitu ta' kawza marbuta ma' konsiderazzjonijiet ta' ligi ordinarja. F'tali kaz il-Qorti stess tista' tiddeklina milli tezercita l-kompetenza taghha sakemm ir-rimedju ordinarju jigi ezawrit.

Izda l-kaz tallum jipprezenta konflitt potenzjali bejn zewg rikorsi fejn fit-tnejn hemm allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali. F'din is-sitwazzjoni, din il-Qorti ma tarax konflitt bejn l-applikazzjoni tal-principji enunzjati mill-Qrati ordinarji li jirregolaw is-soprasessjoni, dejjem meqjus bhala rimedju eccezzjonali.

Illi bir-rikorsipprezentat mill-Partit Laburista fl-ismijiet **Perit Daniel Micallef et noe v l-Avukat Generali *et.* (Rik.Kost.57/2015)** fit-23 ta' Gunju 2015 ('il quddiem imsejjah **'It-tieni Rikors'**) u li jinsab appuntat quddiem din il-Qorti kif ippresjeduta mill-On.Imhallef Jos.R.Micallef[5], ir-rikorrenti qed jilmentaw li meta l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2015 cahdet l-eccezzjoni ta' giurisdizzjoni gew lezi id-drittijiet taghhom ghas-smigh xieraq skont **l-artikolu 39(2) u 6 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni** rispettivament. Huma ghalhekk qed jitolbu wkoll li l-Qorti taghti dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni sabiex jigu imharsa d-drittijiet taghhom.

Illi l-kawza pendenti quddiem din il-Qorti giet istitwita mill-Partit Nazzjonalista u ohrajn *ai termini* **tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Partit Laburista ma kienux parti f'dawk il-proceduri u pprezentaw appell ta' terz[6]. Il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza imsemmija, **cahdet** l-aggravju ta' nuqqas ta' giurisdizzjoni tal-Prim'Awla u, fl-istess waqt, **laqghet** l-aggravju tan-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju. Konsegwentement ħassret is-sentenza appellata u bgħatet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid wara li jissejjaħ il-Partit Laburista fil-kawża.

Il-Partit Laburista gie debitament kjamat f'din il-kawza u fir-risposta tieghu eccepixxa preliminarjament li mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri; in-nuqqas ta' giurisdizzjoni ta' din il-Qorti; u li r-rikors odjern gie pprezentat *fuori termine* oltre eccezzjonijiet ohra sostantivi.

[5] L-ewwel appuntament fit-22 ta' Lulju 2015.
[6] **Art 236 tal-Kap.12**

B'hekk l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' giurisdizzjoni regghet giet eccepita mill-gdid f'dawn il-proceduri.

**<u>Applikazzjoni ghall-Kaz tallum.</u>**

**Ikkonsidrat li** bit-tieni Rikors, il-Partit Laburista qed jilmenta minn ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq billi gjaladarba l-aggravju tan-nuqqas ta' giurisdizzjoni gie michud mill-Qorti Kostituzzjonali, dan ifisser li ma jistax jerga' igib l-provi u argumenti tieghu dwar din l-eccezzjoni quddiem din il-Qorti minnkejja li l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li l-kawza ghandha tinstema' mill-gdid;

Illi f'din il-kawza tallum, il-Partit Laburista xorta qajjem l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' giurisdizzjoni. Dan ifisser li din l-eccezzjoni gja tifforma parti minn dawn l-atti .

Ikkonsidrat li l-Partit Laburista fit-tieni Rikors tieghu, mhuwiex qed jimpunja s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Dan ma jkun jaghmel l-ebda sens u logika, tenut kont li l-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija b'rizultat ta' dik l-istess sentenza.

Illi wkoll, Id-difensur tal-Partit Laburista rrileva li l-Qorti Kostituzzjonali kienet iddeliberat dwar in-nuqqas ta' giurisdizzjoni anke fuq l-appell tal-istess Partit Laburista bhala terz interessat u sussegwentement annullat is-sentenza tal-ewwel Qorti.

Ikkonsidrat ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali ordnat li l-kawza tinstema *ex novo* minn din il-Qorti. Difatti id-difensur tal-Partit Laburista gja ssenjala li

ghandu kontro-ezamijiet x'jaghmel lix-xhieda gja mismugha, u ovvjament ghandu kull dritt li jressaq il-provi tieghu kif, *del resto*, ghandhom il-partijiet l-ohra sabiex jindirizzaw, specjalment, dawk il-punti godda li setghu gew issollevati fir-risposta tal-Partit Laburista.

Madanakollu t-tezi tal-Partit Laburista, u cioe', li t-tieni Rikors jista' jincidi fuq id-decizjoni ta' din il-Qorti mhix nieqsa mill-mertu. Fit-tieni Rikors ir-rikorrent ma jipprecizax x'inhuma r-rimedji li qed jitlob mill-Qorti - dan lanqas m'hu mehtieg f'kawzi ta' indoli kostituzzjonali billi l-Qorti f'dik il-gurisdizzjoni ghandha poteri wiesgha biex taghti rimedji kontra agir leziv, kif, min-naha l-ohra, tista' ukoll tillimita ruhha li taghti rimedju simboliku.[7] Din il-Qorti mhix ser tidhol f'din il-kwistjoni peress li dan ghandu jigi indirizzat fis-sentenza fuq it-tieni Rikors.

**Izda l-kwistjoni kollha li ghandha tigi ezaminata hija jekk il-mertu tat-tieni Rikors jinfluwixxix necessarjament fuq l-ezitu ta' din il-kawza.**

**Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, kemm mil-lat giuridiku, kif ukoll mil-lat prattiku, ma hemm xejn li zzomm lil din il-Qorti mill tkompli tisma' l-kaz quddiema.** Tenut kont li l-proceduri introdotti quddiem it-tieni Qorti jsemmu aspett wiehed biss, ossia c-cahda tal-aggravju ta' nuqqas ta' giurisdizzjoni, din il-Qorti certament m'ghandhiex tieqaf milli tisma' l-provi u s-sottomissjonijiet fuq l-eccezzjonijiet kollha procedurali u fuq il-mertu li tqajmu f'din il-kawza quddiema. Huwa minnu li Qorti tista' tisma' u tiddeciedi dwar eccezzjoni preliminari u tieqaf hemm minghajr ma tkompli fuq il-mertu**. Izda fil-kaz in ezami, il-**

[7] Art 46(2) tal-Kostituzzjoni u Art.4 tal-Kap.319

**principji huma wisq krucjali, u fl-istess hin, il-partijiet <u>kollha</u> jaqblu li hemm element ta' heffa ghall-gid tal-pajjiz, li jehtiegu li din il-Qorti tisma' u tiddeciedi l-kaz fuq il-punti kollha sabiex taghti sentenza darba u mhux timxi b'mod frammentat. B'hekk il-periklu ta' ingustizzja minhabba dewmien bla bzonn jigi minimizzat.**

Dwar dik l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' giurisdizzjoni, din il-Qorti taqbel li hemm ness bejn iz-zewg proceduri u anke l-possibbilita' ta' konflitt fiz-zewg sentenzi. Ad ezempju, f'kaz li din il-Qorti tiddeciedi li l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' giurisdizzjoni hija gja mill-Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li l-Qorti edotta bit-tieni Rikors ssib li kien hemm lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq u taghti rimedju li jista' jincidi fuq dawn il-proceduri. F'dan l-istadju hemm biss potenzjal ta' konflitt.

Illi izda, kif gja inghad, ma tistax tinjora li l-kawza odjerna tirrigwarda l-elezzjonijiet generali fil-pajjiz, kif ukoll il-komposizzjoni tal-Parlament Malti, u ghalhekk konsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku kif ukoll tal-pregiudizzju li jista' jigi soffert mir-rikorrenti minhabba d-dewmien u l-incertezza jimilitaw kontra s-soprasessjoni f'dan l-istadju. Kif gja gie accennat hawn fuq, ma hemm xejn li zzomm lil din il-Qorti milli tkompli tisma' l-kawza **<u>u terga' tirrikonsidra t-talba ghas-soprasessjoni</u>** wara li jinstemghu l-provi u sottomissjonijiet kollha qabel ma tghaddi ghas-sentenza finali. B'hekk il-principji kostituzzjonali fuq riferuti jigu attwati.

Riferibbilment ghall-konnessjoni tal-kawzi isollevata mill-Avukat Generali u mid-difensur tal-Kummissjoni Elettorali waqt it-trattazzjoni, din il-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha imma ser thalli din il-kwistjoni fid-decizjoni tal-Qorti li qed tippressjedi fuq it-tieni Rikors a tenur tal-artikolu 792 tal-Kap.12.

**III. Decide:**

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess tichad it-talba ghas-soprasessjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza filwaqt li tirriserva li terga' tikkonsidra talba simili wara li jingabru l-provi kollha.

L-ispejjez jigu determinati fis-sentenza finali.

**Moqri.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------